Taħt il-patroċinju tal-
E.T. il-President ta' Malta u UNESCO

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**IL-BELT VALLETTA, Malta, 2 t'April, 2026**

**Il-Bulettin tal-Malta Biennale 2026 // Nru 3**

Dħalna fir-raba' ġimgħa tal-Malta Biennale 2026. Il-Biennale fetaħ għall-pubbliku fl-14 ta' Marzu, wara tlett ijiem ta' wirjiet preliminari mill-11 sat-13 ta' Marzu u ċerimonja ta' inawgurazzjoni spettakolari li saret fl-10 ta' Marzu.

Matul l-aħħar tliet ġimgħat, il-Malta Biennale laqa' eluf ta' viżitaturi – kemm rappreżentanti tal-midja lokali u internazzjonali kif ukoll membri mill-komunità artistika, inklużi kolletturi tal-arti u kuraturi, mijiet ta' studenti li attendew żjarat u workshops fis-siti tal-Biennale, u/jew membri tal-pubbliku ġenerali. F'dawn l-aħħar jiem, gruppi ta' studenti ħadu sehem f'żewġ workshops interattivi fil-Forti Sant'Iermu, fejn esploraw l-arti permezz ta' tagħlim prattiku, filwaqt li grupp ta' edukaturi mill-Iskola tal-Arti ta' Malta attendew għal żjara gwidata tal-wirja tal-Biennale fil-Palazz tal-Gran Mastru.

Din il-ġimgħa, il-Malta Biennale jnaqqas il-pass biex jidħol fl-ispirtu tal-avvenimenti reliġjużi tradizzjonali marbuta ma' tmiem il-perjodu tar-Randan: il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid. Is-siti tal-Biennale jinsabu fi rħula u bliet magħrufa għall-purċissjonijiet reliġjużi, b'vari artistiċi li juru l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fil-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll il-marċi ferrieħa tal-baned li jakkumpanjaw l-istatwi tal-Irxoxt f'Ħadd il-Għid. Il-Malta Biennale jieħu post ċentrali mill-ġdid il-ġimgħa d-dieħla, mis-6 ta' April.

MaltaBiennale'26

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**IL-BELT VALLETTA, Malta, 2 t'April, 2026**

Nibdew b'*Intentional Frame* – workshop immexxi minn Therese Debono, waħda mir-rebbieħa tal-premju għall-Aħjar Xogħol Artistiku fil-Malta Biennale 2026, li se jsir f'MUŻA, il-Belt Valletta. L-għada – fis-7 ta' April – ukoll f'MUŻA, se jiġi organizzat workshop għat-tfal minn 7 snin 'il fuq, bit-titlu *Soundscapes and Paintings*. Fit-8 ta' April se jsiru żewġ sessjonijiet ta' *Meditations in Clay* f'MUŻA; is-sessjoni ta' filgħodu hija mmirata għal udjenzi żgħar, filwaqt li dik ta' kmieni filgħaxija hija miftuħa għall-pubbliku ġenerali.

Minħabba l-maltemp li ppersista fl-aħħar jiem, il-proġett satellita *Poetry from the Future* li kellu jsir ilbieraħ filgħaxija ġie pospost għat-8 ta' April, fl-istess ħin u fl-istess post kif kien ippjanat oriġinarjament: fit-8.30pm, f'Rumi, il-Belt Valletta.

Fid-9 ta' April, workshop prattiku għat-tfal bit-titlu *Voices for Freedom* se jsir f'MUŻA. L-għada, l-avveniment *Nothing is Clear* se jiftaħ għall-pubbliku f'gallerija ġdida f'Ħ'Attard: axis_. Mill-10 sal-11 ta' April se jsiru żewġ workshops – wieħed għal persuni neqsin mis-smigħ u ieħor għal komunitajiet ta' migranti u refuġjati – bit-titlu *The Social Blanket*, f'MUŻA.

L-avvenimenti paralleli li għadhom għaddejjin din il-ġimgħa jinkludu: *Entry Denied*, li jibqa' għaddej sad-9 ta' April fil-Christine X Gallery, Tas-Sliema; *Materia Prima* għand JoBorg Gallery, li jibqa' għaddej sal-25 ta' April, f'Tas-Sliema wkoll; *Ground 99,* li jibqa' għaddej sas-16 ta' Mejju f'99 F. Azzopardi, l-Isla; u *Women Grace above the Battle*, li jibqa' miftuħ għall-pubbliku sat-12 ta' April fi Pjazza Tritoni, il-Furjana.

Il-biljetti għall-Malta Biennale jistgħu jinxtraw online minn maltabiennale.art.

L-iskeda sħiħa tal-wirjiet, l-artisti parteċipanti, il-padiljuni u l-attivitajiet fil-programm pubbliku tinsab ukoll f'maltabiennale.art.

*Il-Malta Biennale huwa mtella' minn Heritage Malta bi sħab mal-Kunsill Malti għall-Arti, Visit Malta, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, u l-Public Broadcasting Services. Il-Malta Biennale qed isir ukoll f'kollaborazzjoni sħiħa mal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, u l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.*

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**IL-BELT VALLETTA, Malta, 2 t'April, 2026**

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Lisa Gwen Chetcuti fuq: **communications@maltabiennale.art**
maltabiennale.art qiegħed online. Website uffiċjali: **www.maltabiennale.art**
Facebook, Instagram, LinkedIn: **@maltabiennale.art**

MaltaBiennale'26